MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 601/2005/1

**Fl-atti tal-mandat ta' Zgumbrament numru 601/05 (Dok I) fl-ismijiet:**

**David Borg (ID No. 32467M)**

**Vs**

**W.V. S. (Marketing) Ltd**

Ic-"Chairman" tal-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih is-socjeta rikorrenti W.V.S. (Marketing Ltd, C 6513, wara li ppremettiet illi b'sentenza ta' dan il-Bord tal-1 ta' Dicembru 2003, ikkonfermata b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-1 ta' Dicembru 2004, is-socjeta' esponenti giet ikkundannata tizgombra mill-fond 405, Rue D'Argens Gzira fi zmien tlett xhur.

Illi kif jidher mill-iskrittura ta' lokazzjoni (Dok A anness mar-rikors) li giet inserita fl-atti tal-kawza, tat-18 ta' Frar 1981 l-lokazzjoni tal-imsemmi fond saret mas-socjeta'

W.V.S. Limited u mhux mas-socjeta’ W.V.S. (Marketing) Ltd. Tant hu hekk, li kif jidher mid-Dok B anness is-socjeta’ W.V.S. (Marketing) Ltd giet konsistwita fit-23 ta’ Settembru 1983; C 6513; mentri l-lokazzjoni saret fit-18 ta’ Frar 1981.

Illi dan debitament rilevat mis-socjeta’ esponenti, fil-bidu tal-proceduri “in limine litis” izda r-rikorrent ghalkemm talab korrezzjoni dwar in-numru korrett tal-fond mikri, inspjegabilment naqas milli jitlob l-korrezzjoni opportun dwar s-socjeta’ intimata.

Illi kontra s-socjeta’ inkwilina W.V.S. Limited ghalhekk ma saru l-ebda proceduri ta’ zgumbrament – u s-sentenza citata mhix esegwibbli fil-konfront taghha.

In vista tal-premess talbet bir-rispett li fit-termini tal-Artikolu 283A, tal-Kap 12, dan il-Bord jghogbu jordna r-revoka tal-mandat ta’ zgumbrament numru 601/05 fuq imsemmi billi s-socjeta’ intimata W.V.S. (Marketing) Limited ma krietx il-fond “de quo” li inkera lis-socjeta’ W.V.S. Limited.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 4 sa fol 13A tal-atti u market Dok I, Dok A u Dok B.

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 15 ibid) u li biha espona bir-rispett:

Illi t-talba tal-imsemmija socjeta kif kontenut fir-rikors taghha ghandha tigi respinta peress illi fl-ewwel hija proceduralment skorretta u inproponibbli u fit-tieni lok fuq il-meritu kontemplat u mitlub hemm stat ta’ res judicata;

Illi permezz tar-rikors odjern is-socjeta donnha qed tipprova tittanta appell fuq appell, procedura ghal kollox skorretta u inezistenti. In segwitu tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, l-istess socjeta kellha kull opportunita li tintavola, jekk jidhrilha, proceduri ghal ritrattazzjoni , haga li naqset li taghmel. Kwindi f’dan l-istadju ma tista tipproponi ebda procedura alternattiva jew ulterjuri minn

dik kontempala fil-ligi ghat-thassir ta’ sentenza li ghaddiet in gudikata;

Illi l-argument li qed jigi mressaq f’dan ir-rikors kien gia tqajjem u gie trattat fit-tul sew quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell u fiz-zewg stadji dan l-argument u sottomissjoni kienet giet michuda u mwarba. Illi ghalhekk b’dan ir-rikors, is-socjeta ma tistax tattakka u tipprova twaqqa d-decizjoni li ttiehdet kontra taghha minn zewg Qrati fuq dan il-punt partikolari.

Illi ghalhekk jidher li dan ir-rikors ma hu xejn hlief tentattiv ulterjuri sabiex ma tigix esegwita s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell u f’kaz li s-socjeta tibqa tippersisti f’dan l-agir taghha, l-odjern rikorrent David Borg qieghed minn issa jirriserva d-dritt li jistitwixxi u johrog il-mandati opportuni kontra din is-socjeta sew ghal disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti u kif ukoll ghal kumpens ta’ okkupazzjoni indebita u danni konsegwenzjali.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Sema’ t-trattazzjoni.

Ikkunsidra

Illi, hawnhekk, jkun opportun illi ssir referenza ghall-atti annessi u li huma dawk li jirreferi ghar-rikors numru 87/99B fl-ismijiet “David Borg vs W.V.S. (Marketing) Ltd” deciz, finalment, mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta’ Dicembru 2004.

Illi jigi notat illi fl-imsemmija sentenza jinghad testwalment:

“ Dwar l-ewwel aggravju (cjoe l-istess kawzali tar-rikors in ezami), hi l-fehma tal-Qorti li dan hu ghal kollox insostenibbli. Huwa veru illi meta saret is-sub-lokazzjoni fl-1981, din inghatat lis-socjeta W.V.S. Limited izda daqstant iehor huwa veru ukoll illi kienet is-socjeta kif imharka li fit-30 ta’ Marzu 1999 kitbet lis-sid appellat biex tattwalu l-attenzjoni dwar hsarat fil-fond li kienu jirrikjedu riparazzjoni.

Dippju is-socjeta appellanti mkien mill-atti ma sabet prova minima li fil-mument tal-proponiment ta'l-azzjoni u tan-notifika taghha, ma kien hemm ebda kambjament fl-isem tal-kumpanija li originarjament kienet irceviet il-kirja. Prova din li kienet inkombenti fuqha u li taghmilha billi kienet hi li ressqet l-eccezzjoni" (ara pagna 10 tas-sentenza msemmija kif traskritta u annessa ma' dawn l-atti).

Ikkunsidrat

Illi, hu evidenti, illi dak premess fir-rikors in esami di gja gie deciz u skartat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza finali citata "verbatim" u ghalhekk ghandu jkollu s-sahha ta' "res judicata", kif issostni s-socjeta intimata fir-risposta taghha.

Illi, ghalhekk it-talba in esami ma tistax tintlaqa".

Ghal dawn il-motivi jichad it-talba tas-socjeta rikorrenti bl-ispejjes kontra s-socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------